MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 156/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Spiteri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Anthony Spiteri [228658(M)]**

**vs**

**Emanuel Montanaro**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tlieta u erbghin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu**

**(Lm543.35), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Anthony Spiteri assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' hames mija u tmentax-il Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm518.35) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-attur Anthony Spiteri in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Frar 2004 ghall-habta tal-10.15a.m. gewwa Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Anthony Spiteri, bin-numru ta' registrazzjoni KBE-726 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LAA-723, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2004 u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Middle Sea Insurance plc, u l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 ta' Frar, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident.**
**Illi jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw l-ammont ta' dan pretizi.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 3 Kevin Grima, Maria Carmela Spiteri u emanuel Montanaro. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra l-verbal tas-16 ta' Marzo, 2006 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-kwantum tad-danni.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-13 ta' Frar 2004 ghall-habta tal-10.15a.m. gewwa Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar. Involuti fil-kolizzjoni kienu l-vettura misjuqa minn Maria Carmela Spiteri bin-numru KBE-726 u dik misjuqa mill-konvenut bin-numru LAA-723.**

**2. Skond ir-road accident report Dok RF1, kkonfermat minn PS 3 Kevin Grima, is-sewwieqa Maria Carmela Spiteri kienet stqarret li kienet qed issuq fi Triq Sir Luigi Preziosi fid-direzzjoni ta' triq Censu Tanti, u kif ghodda dahlet f'din l-ahhar triq gie il-konvenut mid-direzzjoni opposta u sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenut stqarr li kien qed isuq fi Triq Censu Tanti sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Sir Luigi Preziosi, u ftit qabel ma wasal fejn hemm ir-roundabout (fejn Casa Serena) giet l-attrici mid-direzzjoni opposta u dahlet fih, u bid-daqqa dahal fil-vettura parkeggata fuq ix-xellug tieghu.**

**3. Jirrizulta illi fi Triq Censu Tanti kien hemm vetturi parkeggati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Maria Carmela Spiteri testwalment tghid: " Meta dhalt fit-triq irrejalizzajt li kien gej wiehed u flimkien ma konniex ser nghaddu. Ersaqt lejn il-genm kemm jista jun u hu baqa' gej. Fil-hin tal-impatt jien kont b'kemm kemm niccaqlaq." Hi tghid ukoll li l-konvenut ma naqqasx fil-velocita` u baqa' gej.**

**4. Il-konvenut jikkonferma l ira l-vettura gejja, u dana qabel il-habta, pero` jghid li raha f'daqqa, xi Klett sekondi qabel il-habta. Il-konvenut gafas fuq ix-xellug. Jikkonferma li hu f'ebda hin ma waqaf hlief meta habat.**

**5. Jirrizulta li l-attrici kellha dan fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Il-konvenut kellu danni fil-mudguard u l-bibien ta' quddiem u ta' wara, ilkoll tal-lemin. Il-konvenut kellu ukoll dan fuq ix-xellug fejn habat mal-vettura parkeggata.**

**6. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta illi l-incident sehh minhabba zball ta' kalkolu da parti taz-zewg sewwieqa, u peress illi t-tnejn li huma ppretendew li jibqghu mexjin u hadd ma ceda, sakemm jghaddi l-iehor. Ghalhekk it-Tribunal qed isib**

**liz-zewg sewwieqa responsabbli ugwalment ghall-incident li sehh.**
**7. Id-danni jirrizultaw pruvati mid-dokumenti esebiti, u peress illi l-konvenut kien jahti biss ghan-nofs, jigi li dan ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm271.67).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici fis-sens li jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ugwali daqs l-attrici ghall-incident li sehh u jikkundanah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitta u erbghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm246.67) u lill-attur Anthony Spiteri is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet dekkoribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2004 u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici Middle Sea Insurance plc, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------